# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. VINCENT DE GAETANO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002.**

**Numru1**

**Citaz. numru 425/88 MB**

**Carmel Tonna, Kenneth Abela u Alfred Mifsud f'isimhom proprju kif ukoll bhala President, Segretarju u Kaxxier rispettivament, ta' l-"Ghaqda - (Union) - Ufficjali Anzjani tat-Tarzna (D.S.E.S.U.) u in rapprezentanza ta' l-istess trade union.**

**vs**

**Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-20 ta' Jannar, 1989. Ghall-finijiet ta' kjarezza din is-sentenza qed tigi riprodotta in toto. Is-sentenza taqra hekk:

"Ic-citazzjoni ta' l-atturi tghid hekk:-

Premess illi l-konvenut Dr. Alfred Sant bhala editur u l-konvenuta Marie Louise Coleiro bhala stampatur tal-gurnal "Il-Helsien", permezz ta' l- artikolu "Min huma tas-DSESU" imxandar fit-tieni faccata tal-harga tal-gurnal "Il-Helsien" tal-25 ta' Marzu 1988, numru 59, li tieghu qed tigi annessa vera kopja fotostatika u qeghda tigi markata Dok. "L", taw malafama lill-atturi proprio et nomine billi attribwewlhom fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghhom jew li jesponuhom ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku; peress illi l-atturi bhala parti offiza ghandhom dritt ghad-danni kontemplati fil-Ligi ta' l-Istampa (Att XL ta' l-1974); talbu l-atturi ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-atturi proprio et nomine bl-istampar fuq imsemmi, li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu; u

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma li dina l-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeccedix l-elfejn lira (Lm2,000) separatament bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama illi huma sofrew bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija fil-konfront ta' kull wiehed mill-atturi proprio, u fil-konfront tat-trade union minnhom rapprezentata.

Bl-imghax legali u l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' April 1988, kontra l-konvenuti, li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni. B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi proprio et nomine taht l-imsemmija ligi ta' l-Istampa.

L-<u>eccezzjonijiet</u> opposti mill-konvenuti jaqraw hekk:-

1. li Marie Louise Coleiro ma kienitx qrat l- artikolu in kwistjoni, qabel ma gie ppubblikat;

2. li l-artikolu mhux libelluz;

3. li l-atturi jridu, f'kull kaz jippruvaw ir-rapprezentanza tad-DSESU;

4. li l-artikolu jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni -- "fair comment" -- maghmul in buona fede fuq fatti sostanzjalment veri li huma materja ta' interess pubbliku;

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 1988, imbaghad, il-konvenuti eccepew ulterjorment illi:-

5. fil-partijiet ta' l-artikolu li l-atturi qed jippretendu li huma ngurji fil-konfront taghhom, l-istess atturi m'humiex identifikabbli u illi

6. mill-provi ta' l-atturi ma jirrizultax sodisfacentement skond il-ligi l-kariga tal-konvenuti.

Ezaminati l-atti tal-process il-Qorti trid, naturalment, tinnota illi l-konvenuti matul il- process kollu ma avvanzaw ebda prova u llimitaw ruhhom biss, li jikkontrezaminaw lill-atturi u dan wara li rrikorrew biex jissospendu l-prolazzjoni tas-sentenza biex, barra li jaghmlu l-kontro-ezamijiet ta' l-atturi - "jressqu l-provi taghhom", u l-Qorti kkoncedietilhom din l-opportunita', ghaliex hasset li ghandha taghti piena kredibbilita' lill-avukat difensur li bi svista kien informa hazin lill-konvenuti bl- appuntament tal-kawza.

Wara din in-nota preliminari, il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjonijiet tal-konvenuti enumerati fl-ordni li gew moghtija:-

(1) Din l-eccezzjoni hija fis-sens illi l- konvenuta Marie Louise Coleiro ma qratx l-artikolu in kwistjoni qabel ma gie ppubblikat. L-unika prova - jekk din tista' tikkwalifika bhala tali - li saret, hija dik il-konferma bil-gurament ta' l-istess eccezzjoni, li saret mill-konvenut l-iehor, Dottor Alfred Sant. L-atturi ma kkontestawx din l-eccezzjoni u f'sitwazzjoni guridika - fattwali konkordi, bejn il-kontendenti, il-Qorti ma tistax ma taccettahiex u taghmilha taghha, hlief meta dan mhux konsentit mil-ligi jew huwa l-prodott ta' kolluzjoni ghal skopijiet illegali, immorali jew kuntrarji ghall-gustizzja.

Din l-eccezzjoni pero', biex taghmel sens, timplika necessarjament li Marie Louise Coleiro hija konvenuta fil-kawza, inkwantu hija l-istampatrici kif taserixxi d-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi. Din l-eccezzjoni infatti inghatat wara l-qari u fil-konfront tac-citazzjoni, u hija ripetuta fid-dikjarazzjoni guramentata tal- konvenuti, li hija r-risposta, kif trid il-ligi, ta' l-istess dikjarazzjoni guramentata ta' l- atturi.

Logikament ghalhekk, is-sitt eccezzjoni tal- konvenut trid tigi konsiderata fl-istess kontest ta' l-ewwel eccezzjoni u akkopjata maghha. Il-karigi tal-konvenuti - dik ta' editur u dik ta' stampatrici - huma difatti definittivament stabbiliti mhux tant mill-affermazzjoni guramentata ta' l-atturi, imma mill-atteggjament guridiku li assumew l-istess konvenuti fil-kawza ghaliex altrimenti - cioe' kieku dak li qed jaffermaw l- atturi m'huwiex minnu - l-eccezzjonijiet ta' l- istess konvenuti ma jaghmlux sens. Jaghmlu sens u jridu jigu konsiderati propju ghaliex dawk huma eccezzjonijiet li l-konvenuti jistghu jipproniehom [**recte:** jipproponuhom] inkwantu huma l-editur u l-istampatrici interessati. Persuni estraneji ghall-pubblikazzjoni inkriminata -

cioe' persuni li la huma awturi, edituri jew stampaturi - ma jistghux jaghtu l-eccezzjonijiet fattwali guramentati mill-konvenuti - ghaliex estraneji assoluti in meritu. Ghalhekk implicitament u necessarjament il-konvenuti qeghdin jammettu li huma rispettivament l-editur u l-istampatrici tal- gazzetta li fiha deher l-artikolu inkriminat. U l-ammissjoni hija l-aqwa prova tal-verita' ta' xi fatt.

(2) It-tieni eccezzjoni hija fis-sens li l- artikolu m'huwiex libelluz.

L-artikolu - "Min huma tad-DSESU" m'huwiex twil u jista' jigi riprodott kollu hlief ghaz-zewg listi ta' ismijiet u kunjomijiet:-

"***Id-DSESU hija l-union tas-senior managers fit-Tarzna ta' Malta. Dan l-ahhar minn fost dawn is-senior managers hareg rapport dwar it-tarzna (li) jissuggerixxi li ghandha tinhatt is-sistema tat- tmexxija mill-haddiem fit-tarzna. Dan ir-rapport fih ukoll mizuri ohra mahsuba biex jolqtu hazin il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema tat-tarzna.***

***'Il-Helsien' qed ixandar il-lista ta' dawk kollha msiehba fid-DSESU li minn fosthom hareg ir-rapport li jekk jitwettaq igib ghawg kbir fit-tarzna u fil-pajjiz.***"

Isegwu mbaghad zewg listi ta' nies. Wahda b'hamsa u sebghin (75) isem - tal-membri tad- DSESU u ohra b'erbgha u erbghin (44) isem ta' membri tal-management tat-Tarzna li huma membri ta' l-STPSA. Il-kelma "li" in parentesi, hija mizjuda ghaliex hija necessarja ghall-korrettezza lingwistika.

Ir-rapport imsemmi, huwa kritikat mill-awtur ta' l-artikolu, li jikkonsidrah totalment negattiv. U dan kollu ma fih xejn li huwa libelluz. Il-kelma "mahsuba" pero', tatribwixxi lill-awtur jew awturi tar-rapport, l-intenzjoni specifika li jridu jhazznu l-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema tat-tarzna u din l-attribuzzjoni hija libelluza, sakemm din l-intenzjoni malefika ma tigix stabbilita bhala fatt.

Skond l-artikolist, l-awturi ta' dan ir- rapport negattiv mahsub biex ihazzen il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema, jinstabu fost is-senior managers, membri tad-DSESU, li isimhom huwa moghti fl-ewwel lista. U dawn huma paragunati u kkontrastati ma' senior managers ohra li pero' qeghdin fit-tieni lista - li huma membri tal-STPSA - billi minn fost ta' l-ewwel lista hareg ir-rapport. U billi l-ismijiet tat-tlett atturi qeghdin fl-ewwel lista, ghall-qarrej huwa suggerit, illi anki huma jistghu jkunu fost l-awturi tar-rapport. U

dan l-atturi bhala fatt eskludewh - u l-konvenuti ma taw ebda indikazzjoni - altru minn prova - li din mhix il-verita'.

L-aspett libelluz ta' l-artikolu huwa enfasizzat mir-riliev illi l-ismijiet partikolarizzati tal-membri kollha ta' union shih huma esposti ghar-risentiment u l-istmerrija - jekk mhux mibgheda - tal-haddiema tat-Tarzna - inkwantu fosthom - u allura kull wiehed minnhom - hemm l- awturi tar-rapport "mahsub biex jolqot hazin il- kondizzjonijiet tax-xoghol" taghhom.

Il-libell jestendi ruhu wkoll, naturalment, fuq il-Union ghaliex hija manifesta l-intenzjoni ta' l-artikolista li jattribwixxi l-origini tar-rapport minn fost il-membri ta' dik il-Union specjalment inkwantu huma paragunata mal-Union l-ohra l-STPSA, li l-membri taghha jikkomponu t-tieni lista; tant illi l-membri ta' din huma eskluzi mill-addebitu, anki f'dawk il-kazijiet ta' membri li huma komuni ghaz-zewg ghaqdiet, li mhux numru zghir.

(3) it-tielet eccezzjoni tirrigwarda d-dritt ta' l-atturi li jirrapprezentaw il-union DSESU. Jirrizulta mill-artikolu 7.2 ta' l-istess Union - dokument KA2 - li "L-ufficjali ta' l-Ghaqda ghandhom id-dmir u s-setgha li jirrapprezentaw il-Union quddiem il-Qorti u/jew it-Tribunal Industrijali" u t-tlett atturi kkonfermaw fix-xhieda taghhom li huma jokkupaw il-karigi ta' President, Segretarju u Kaxxier tal-Union. L- artikolu 8.1 imbaghad jghid:-

"*Il-Kumitat Esekuttiv huwa maghmul minn <u>tlett</u> <u>ufficjali</u> <u>bil-funzjoni ta'</u> <u>President,</u> <u>Segretarju</u> <u>u</u> <u>Kaxxier</u> ...*" (sottolinear tal-Qorti) u ghalhekk m'hemmx dubju li l-atturi ghandhom id-dritt ta' rapprezentanza li jippretendu.

(4) Ir-raba' eccezzjoni tissottometti illi l- artikolu [fih] espressjoni ta' opinjoni, "fair comment", maghmul in buona fede fuq fatti sos-tanzjalment veri li huma materja ta' interess pubbliku. Ghal din l-eccezzjoni jghodd dak li ntqal ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni, li m'hemmx ghalfejn jigi ripetut. Il-"buona fede" li tattribwixxi "mala fede", kif inhuwa l-kaz, biex tissussisti tehtieg il-prova tal-verita' fuq l-istess mala fede attribwita, u din, f'din is- sede, ma saritx.

M'huwiex car ghal-liema "fatti" qeghdin jirreferu l-konvenuti fir-raba' eccezzjoni taghhom, u matul il-kawza ma taw ebda spjegazzjoni jew kjarifikazzjoni fir-rigward.

(5) Il-hames eccezzjoni tissottometti illi l-atturi m'humiex identifikabbli fil-parti libelluza ta' l-artikolu.

L-ismijiet ta' l-atturi qeghdin fl-ewwel lista li hemm fl-artikolu u ghalhekk huma qeghdin b'isimhom jigu ndikati bhala l-possibbli

awturi tar-rapport, billi qeghdin fil-grupp, - jew ahjar - huma membri tad-DSESU li minn fosthom hareg ir- rapport. L-isem ta' persuna huwa l-ewwel u l- ahjar mezz ta' identifikazzjoni. Ghalhekk din l- eccezzjoni wkoll ma tistax tigi milqugha.

Finalment, ghal dak li jirrigwarda l-"quantum" li ghandu jigi stabbilit, ghas-sodisfazzjoni ta' l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 il- Qorti hadet in kunsiderazzjoni li l-artikolu inkriminat (a) espona lill-atturi personalment mhux biss ghad-disprezz tal-pubbliku li qara l-gazzetta, imma wkoll illi l-malafama li inghatatilhom, esponiethom ghas-sentimenti aktar offensivi u gravi mid-disprezz bhal ma huma l-mibgheda u r-rigett socjali u (b) bla dubju ta' xejn ikkawza lill-atturi nomine, emoragija impressjonanti fis-shubija, billi l-lista tad-defezzjonijiet li graw fix-xhur immedjatament wara l-pubblikazzjoni tal-artikolu ma ssibx spjegazzjoni ohra fl-atti hlief fis-sens ta' skonfort li holoq l-artikolu f'hafna mill-membri tad-DSESU.

Ghaldaqstant il-Qorti previa c-cahda ta' l- eccezzjonijiet tal-konvenuti kif intqal, qed taqta' l-kawza billi 1. tiddikjara li l-konvenuti Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro, editur u stampatrici rispettivament tal-gazzetta "Il-Helsien" bl-artikolu "Min huma tad-DSESU" li deher fil-25 ta' Marzu 1988 fil-harga numru 59 ta' l-istess gazzetta, taw malafama lill-atturi proprio u nomine u konsegwentement, 2. tikkundanna (a) lil Dr. Alfred Sant li jhallas lil kull wiehed mill-atturi proprio s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) u s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) lill-atturi nomine cioe' lil Union DSESU u (b) lil Marie Louise Coleiro li thallas lil kull wiehed mill-atturi proprio u lil Union DSESU s-somma ta' mitt lira (Lm100) - total ta' elfejn u mitejn lira (Lm2200). Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-22 ta' Jannar 1989.

## **APPELL**

Minn din is-sentenza il-konvenuti interponew appell permezz ta' nota ppresentata fis-27 ta' Jannar, 1989 u petizzjoni ta' appell tat-13 ta' Frar, 1989 (fol. 52 u 54 rispettivament). Fil-mori ta' dana l-appell l-atturi appellati ppresentaw rikors (datat 5 ta' Lulju, 1990) li bih, ghar-tagunijiet imsemmija fl-istess rikors, huma talbu li l-appell (tal-konvenuti) jigi

dikjarat dezert. B'sentenza taghha tal-21 ta' Novembru, 1994 din il-Qorti cahdet dik it-talba, bl-ispejjez kontra l- atturi appellati. Dak li ghalhekk jonqos li jigi deciz, u li ser jigi deciz b'din is-sentenza, huwa l-appell propju, cioe' fil-mertu.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

Il-konvenuti appellanti ressqu erba' aggravji fil-petizzjoni taghhom, u dawn ser jigu kunsidrati <u>seriatim</u>.

L-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwarda t-tieni eccezzjoni taghhom sollevata quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 1988 u cioe' li mill-provi tal-atturi ma tirrisultax pruvata skond il- ligi il-kariga tal-konvenuti (ta' editur u stampatrici rispettivament tal-gazzetta in kwistjoni). Din l-eccezzjoni hi indikata fis-sentenza appellata bhala l-eccezzjoni numru 6 u inghatat wara li l-atturi kienu ghalqu l-provi taghhom u wara li l-istess atturi -- l- unici xhieda f'din il-kawza -- kienu gew kontro-ezaminati. Bazikament l-appellanti qed jikkontestaw il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li huma implicitament ammettew il-karigi rispettivi taghhom bil-mod kif taw u fformulaw l-eccezzjonijiet taghhom u d-dikjarazzjoni guramentata taghhom (li f'dan il-kaz giet mahlufa mill-konvenut Dr. Alfred Sant), it-tnejn presentati ghall- finijiet tal-Artikolu 158 tal-Kap. 12 fil-25 ta' Mejju, 1988. Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax takkolji dana l-aggravju u li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fuq dan

il-punt hi wahda logikament u legalment korretta. Il-konvenuta Marie Louise Coleiro ma setghetx teccepixxi l-attenwanti li hi ma kienitx qrat l-artikolu qabel il-pubblikazzjoni tieghu minghajr ma tassumi, u ghalhekk implicitament tammetti, il-kariga attribwita lilha ta' stampatrici; u z-zewg konvenuti ma setghux jeccepixxu (u Dr. Alfred Sant jikkonferma bil-gurament) li l-artikolu ma huwiex libelluz u subordinatament jeccepixxu d-difiza tal-"fair comment" li kieku huma ma kienux l-editur u l-istampatur kif premess fic- citazzjoni.

Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, persuni estraneji ghall-pubblikazzjoni inkriminata, cioe' persuni li la huma awturi, edituri jew stampaturi (illum, wara l-emendi introdotti fl-1996 fil-Kap. 248, flok l-istampatur hemm il-persuna "responsabbli ghall-pubblikazzjoni") ma jistghux jaghtu l-eccezzjonijiet li nghataw minghajr ma jkunu implicitament qed jammettu r-relazzjoni taghhom mal- pubblikazzjoni inkriminata. F'dan il-kaz l-atturi mhux qed jallegaw li l-konvenuti, jew wiehed minnhom, hu l- <u>awtur</u> tal-artikolu, izda li wiehed hu l-editur u l-ohra l-istampatur/stampatrici. Galadarba, kif inghad, il- konvenuta Marie Louise Coleiro eccepiet l-attenwanti li solitament jeccepixxu l-istampaturi, liema attenwanti tohrog mill-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Istampa, dan necessarjament ifisser li l-konvenut l-iehor hu l- editur. U effettivament ghall-finijiet ta' kawza ghal danni minhabba malafama taht il-ligi tal-istampa (Kap. 248) lanqas tant jimporta min, mill-konvenuti kien l- editur u min l-istampatur. Il-ligi ma tippreskludix li jkun hemm

"joint-editors" jew "joint-printers" ta' gazzetta, u l-azzjoni ghad danni setghet issir sia kontra l-editur jew edituri u sia kontra l-istampatur jew stampaturi. Huwa veru li min jallega jrid jipprova; izda huwa wkoll daqstant veru li min, permezz ta' eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata, jassumi, anke implicitament, posizzjoni guridika dwar dak allegat fil-konfront tieghu b'mod li jinduci lill-attur li ma jaghmilx prova partikolari (ghax dik il-prova tkun evidentement superfluwa fic-cirkostanzi) ma jistax sussegwentement jeccepixxi li ma saritx dik il-prova partikolari.

Hekk, per ezempju, f'kawza ta' manteniment minn mara kontra zewgha, jekk il-konvenut jeccepixxi li hu dejjem mantna u ghadu jmantni skond il-ligi lill- attrici, ma jistax fi stadju ulterjuri jeccepixxi li l-attrici m'ghamlitx il-prova <u>taz-zwieg</u> bejniethom !! U fi kwalunkwe kaz, fil-kaz odjern, l-atturi fid- dikjarazzjoni guramentata taghhom -- u d-dikjarazzjoni tal-atturi giet konfermata bil-gurament mit-tlieta li huma -- ikkonfermaw li l-konvenut Dr. Alfred Sant kien l-editur u l-konvenuta Marie Louise Coleiro kienet l- istampatur tal-gazzetta li fiha dehret il- pubblikazzjoni inkriminata, u din l-asserzjoni guramentata b'ebda mod ma giet minnhom michuda meta huma gew kontro-ezaminati fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 1988. L-appellanti, fil-petizzjoni taghhom, jissottomettu li "l-affermazzjoni guramentata tal-atturi ma hijiex prova valida billi kif ammettew l-istess atturi in kontro-ezami hadd minnhom ma ghamel verifiki de proprio, izda hallew f'idejn l-avukat" (ara petizzjoni, fol. 57 tal-

atti). Dana ma hux ezattament korrett. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kontro-ezami tat-tlett atturi (fol. 39 sa 44 tal-atti). L-attur Carmel Tonna ma jghid xejn minn dak allegat mill-appellanti (cioe' li hu ma ghamilx verifiki u halla f'idejn l-avukat tieghu). L- appellant Kenneth Abela jghid hekk: "Jien hassejtni [ingurjat] b'dak l-artikolu u mort ghand l-avukat taghna biex imexxini hu. Jien personalment ma qaghadtx nivverifika, hallejt f'idejn l-avukat" (fol. 42). Ma jirrisultax ghal xhiex qed jirreferi meta qal li ma ivverifikax. L-attur Alfred Mifsud jghid: "Jien meta mort ghand l-avukat wara li qrajt l-artikolu hallejt f'idejh biex imexxini hu" (fol. 43).

L-anqas ma huma korretti l-appellanti fix-xebh li ppruvaw jaghmlu fil-petizzjoni taghhom bejn kawza ta' libell kriminali u kawza civili bhal dik odjerna, fis-sens li hi prattika kostanti li fiz-zewg tipi ta' kawzi dejjem jigi prodott bhala xhud ir-Registratur tal-Istampa biex jixhed dwar min kien l-editur u min l-istampatur fid-data tal- pubblikazzjoni. Apparti li l-grad ta' prova li jrid jilhaq l-attur biex jirnexxi hu differenti mill-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni f'kawza kriminali, f'kawza kriminali l-imputat (jew jekk il- kawza tkun qed tigi prosegwita mill-istess kwerelant, il-kwerelat) ma jaghmilx dikjarazzjoni guramentata jew jippresenta l-eccezzjonijiet fil-bidu tal-proceduri bhalma jsir f'kawza civili. Addirittura anqas jigi mistoqsi jekk hux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu peress li l-procedura segwita hi dik tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Art. 374 u 375, Kap. 9) u mhux il-procedura tal-

istruttorja. Ghalhekk f'kawzi kriminali ta' libell normalment il-prosekuzzjoni trid tipprova kollox (inkluza l-kariga tal-imputat), ghalkemm mhux eskluz anke f'dawn il-kawzi li jekk l-imputat jaghmel certi dikjarazzjonijiet -- bhal, per ezempju, li dak li inkiteb jammonta ghal "fair comment" -- tali ammissjonijiet jistghu, fil-kazijiet kongruwi, jittiehdu bhala ammissjoni tal-kariga tieghu jew li hu l-awtur tal-pubblikazzjoni inkriminata. Minn dan kollu jidher li l- ewwel aggravju tal-appellanti ghandu jigi respint.

It-tieni aggravju tal-appellanti hu li l-atturi ma humiex identifikabbli fil-partijiet tal-artikolu li huma jippretendu li jingurjawhom. L-artikolu in kwistjoni diga gie riprodott fis-sentenza appellata. Minn dan l-artikolu, akkopjat mal-listi tal-ismijiet (wahda lista tal-membri tad-DSESU -- u li fosthom hemm it- tlett atturi -- u ohra lista tal-membri tal-*management* memnri tal-STPSA) it-tlett atturi huma certament identifikati bhala l-possibbli awturi (jew ko-awturi ma ohrajn) tar-rapport imsemmi f'dak l-artikolu. Apparti li l-espressjoni "li minn fosthom hareg ir-rapport" tista' ragjonevolment tiftiehem li l-membri kollha tad- DSESU kellhom x'jaqsmu mar-rapport in kwistjoni -- "minn fost" ghandha s-sinjifikat ukoll ta' "minn ghandhom" u mhux necessarjament "minn xi whud minnhom" -- anke s-semplici identifikazzjoni b'isimhom u kunjomhom ta' min <u>possibilment</u> kien l-awtur ta' dan ir-rapport (li jrid ihazzen il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal- haddiema tat-tarzna) tammonta ghal ingurja rivolta lejn dawk hekk identifikati in kwantu dawk identifikati

kienu membri ta’ Union partikolari (ara aktar ‘l quddiem f’din is-sentenza). Altrimenti xi skop kien hemm li jigu ppublikati l-ismijiet kollha jekk mhux biex dawk hekk imsemmija u allura identifikati minghajr dubbju, fosthom l-atturi, jigu esposti ghar-risentiment u l- odju ta' shabhom haddiema tat-tarzna bhala li kapaci jaghmlu haga bhal din? Kieku ma gewx imxandra l- ismijiet wiehed kien jista' jghid li l-ingurja kienet indirizzata lejn xi whud mill-membri tad-DSESU indeterminatament u bla identifikazzjoni individwali. Izda bl- ismijiet immedjatament wara l-artikolu il-Qorti tara li l-ingurja giet diretta lejn kull min gie identifikat bhala membru tad-DSESU. Din il-Qorti, pero’, a differenza mill-ewwel Qorti ma tikkondividix il-fehma li l-ingurja kienet diretta lejn l-atturi appellati personalment imma tqis illi kienet intiza biss biex toskurahom u tnaqsilhom il-gieh in kwantu kienu ufficjali tad-DSESU li kienu jirrapprezentaw. Certament il-qarrej ordinarju ma setax hlief jasal ghall-konkluzjoni illi l-artikolista kien qieghed jimmirja l-ingurja tieghu biex jiskredita lil din il-Union billi jallega illi ufficjali taghha u kull min kien membru taghha u in kwantu dawn kienu jikkomponu l-istess Union kienu agixxew b’mod li arrekkaw dannu lil haddiema shabhom. Dan proprju b’kuntrast mal-komportament ta’ haddiema ohra fl-istess kategorija li kienu membri ta’ Union rivali. Il-qofol tal-artikolu kien biex jaghti rizalt lill-komportament taz-zewg Unions – wahda tajba u trid il-gid u l-ohra hazina u taghmel il-hsara – f’taqbida ovvja ghar-reklutagg ta’ membri. Din il-Qorti hi sodisfatta illi l-artikolu ma kienx immirat biex jiddinigrixxi l-komportament tal-membri individwali taghha anke jekk

dawn gew additati b'isimhom imma kien intenzjonat biex jiddenigrixxi l-attivita' tal-Union taghhom. Fl-ahhar mill-ahhar indubbjament l-agir li skond l-artikolu inkriminat kien allegatament ta' hsara ghall-klassi tal-haddiema kien, fil-fehma tal-artikolista, rizultat tal-politika tal-Union DSESU u mhux tal-membri individwali taghha. Dan kien fil-fehma tal-Qorti "the sting of the libel". L-azzjoni allura setghet biss tigi sostnuta in kwantu promossa mill-atturi in rapprezentanza tal-Union DSESU u dana fil-kapacita' tal-kariga li kienu jokkupaw fiha. It-talbiet ma setghux jigu sostnuti fil-konfront tal-atturi personalment. Ghalhekk dan l-aggravju in kwantu jirrigwarda l-Union DSESU qed jigi respint. Qed jigi pero' milqugh sa fejn l-azzjoni kienet proposta mill-atturi personalment u konsegwentement it-talbiet hekk promossi qed jigu michuda.

It-tielet aggravju tal-appellanti hu li l-artikolu in kwistjoni ma kienx libelluz u f'kull kaz jikkontjeni biss espressjoni tal-opinjoni tal-awtur, haga permessa u accettata f'kull socjeta' pluralista u demokratika. Dana l-aggravju jdur, bazikament, fuq il-kelma "mahsuba" fis-sentenza li taqra "Dan ir-rapport fih ukoll mizuri ohra mahsuba biex jolqtu hazin il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema tat-tarzna". L-appellanti jikkontendu li l-kliem "mahsuba biex" ifissru "with the effect that" jew "having the effect of". Il-Qorti ma taqbilx. L-espressjoni "mahsuba biex jolqtu hazin" ghall-qarrej ordinarju tfisser "intiza biex jolqtu hazin", jigifieri li xi haga tkun maghmula apposta, f'dan il-kaz biex il-kundizzjonijiet tal-haddiema tat-tarzna jehzienu. Il-mod kif inhu redatt l-

artikolu, bil-listi tal-ismijiet u taht it-titolu li jaqra "Minn huma tad-DSESU" hu kjarament intiz biex ipoggi lid-DSESU f'dawl ikrah mal-haddiema l-ohra kollha tat-tarzna billi jattribwilha l-paternita' ta' rapport intiz biex jaghmel hsara lill-haddiema tat-tarzna. Dan l-aggravju, ghalhekk, qed jigi wkoll respint.

Fl-ahharnett, l-appellanti jilmentaw dwar il-quantum tad-danni. Din il-Qorti, pero', tara illi l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien sostanzjalment korrett. Filwaqt li kemm fil-kamp politiku kif ukoll f'dak tredjunjonistiku id- djalettika u l-konfront ta' idejat mhux biss huma affarijiet legittimi izda huma wkoll sinjal ta' vitalita' f'socjeta' demokratika, li wiehed jipprova jnissel odju bejn sezzjoni ta' haddiema u ohra u specjalment fuq l-istess post tax-xoghol hija haga kundannabbli.

Il-Qorti sejra biss taghmel l-aggustamenti mehtiega u konsegwenzjali ghad-decizjoni taghha li l-azzjoni setghet tregi biss in kwantu promossa mill-Union u mhux in kwantu promossa mill-atturi personalment. L-ingurja fil-konfront tal-Union kienet fil-fehma ta' din il-Qorti ta' certa serjeta' u mhux eskluz illi pprovokat certi konsegwenzi negattivi ghaliha.

Ghal motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi kkonfermaha in kwantu ddikjarat illi l-artikolu inkriminat kien malafamanti tal-atturi nomine pero' tirrevokaha in kwantu rriteniet li dan kien ukoll malafamanti tal-atturi proprio.

Konsegwentement tirrevoka wkoll is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn iddecidiet dwar id-danni li ghandhom jithallsu, u minflok tikkundanna :-

(a) Lil Dr. Alfred Sant li jhallas lill-atturi in kwantu jirrapprezentaw lill-Union DSESU is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300); u

(b) Li l-konvenuta Marie Louise Coleiro li thallas lill-atturi in kwantu jirrapprezentaw lill-Union DSESU s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) – f'total ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400). Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez dawk tal-Prim'istanza ghandhom ikunu kollha a kariku tal-konvenuti hlief ghall-ispejjez tal-atturi proprio li ghandhom ibatuhom huma stess. L-ispejjes ta' dan l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mg